MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 938/2002

Il-Pulizija
(Spett Alexander Miruzzi)

vs

Charlon Taliana
Marita Demicoli

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Charlon Taliana u Marita Demicoli ta' karta ta' identita' rispettiva numru 39078(M) u 14377(M) talli fid-29 ta' Gunju 2002 f'dawn il-Gzejjer:

1. serqu diversi oggetti li jiswew aktar minn Lm100 pero' anqas minn Lm1000 ghad-detriment ta' Rudolph Muscat liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa – dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom – dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputati;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ir-rabta bejn l-akkuzati u l-akkuzi tikkonsisti fil-fatt pruvat li fid-29 ta' Gunju 2002 il-Pulizija kienu intercettaw u ghamlu tficcija f'vettura tal-marka Hyundai bi tlett persuni fiha fejn instabu zewg credit cards intestati fuq terza persuna, gizirana, li la hi tad-deheb u lanqas fidda, telecell tal-marka Siemens, zewgt icwievet ta' vettura Volkswagon u arlogg. Dawn l-oggetti jirrisulta li kienu nsterqu precedentement fl-istess jum mill-bajja tal-Ghadira. Sussegwentement ghas-sejbin taghhom huma gew identifikati mid-derubat li kienu dawk li naqsulu fil-waqt li kien qieghed jghum f'dik il-bajja.

Illi dawn huma in succint l-provi li jistghu jitqiesu ammissibbli kontra l-imputati fir-rigward u relattivament l-akkuza ta' serq u in alternattiva tar-ricettazzjoni li bihom jinsabu mixlija. Hemm pero' verbalizzat konguntament mill-prosekuzzjoni u d-difiza li t-terza persuna kienet wkoll giet akkuzata f'proceduri separati u kienet ammettiet l-akkuza ta' serq. Kwindi, u fin-nuqqas li l-imputati jixhdu u jeghlbu dak li kien jirrisulta allura pruvat u gustifikat mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti tara li fil-kaz in disamina ghandu jirrisulta bla ombra ta' dubbju ir-reat ta' ricettazzjoni kontra z-zewg imputati. Jigifieri, din il-Qorti, wara li ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi, nisslet fiha konvinciment li

l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ricettazzjoni jissusistu, cioe', l-provenjenza delittwusa tal-oggett, il-pussess fisiku u r-ricezzjoni tal-oggett in kwistjoni, u s-sienza tal-imputati tal-provenjenza illegittima.

Illi nghad dan m'hemm ebda indizju, fil-fatt hemm nuqqas assolut, tal-prova tal-valur tal-oggetti li kienu nsterqu. Madanakollu, hemm fatt li din il-Qorti ser tiehdu in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena, li jirrigwarda zewg balaklavi li instabu fil-vettura, li taghhom l-imputat assuma r-responsabbilita'.

Ghalhekk, u fil-waqt li ssib l-imputati hatja tat-tieni imputazzjoni izda mhux tal-ewwel li taghha tilliberahom, wara li rat l-artikolu 334, 284 u 285 tal-Kap 9, tiddecidi li tikkundanna z-zewg imputati kif isegwi:

a. billi tilliberha lill-imputata Marita Demicoli bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum;

b. billi tikkundanna lill-imputat Charlon Taljana ghall-perjodu ta' prigunerija ta' sitt xhur izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tissospendihomlu ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat punibbli bi prigunerija fl-istess perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom naxxenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------